MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 957/1999/1

**Joseph Azzopardi**

**vs**

**Carmelo sive Charles Zammit Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar 2001 li minnha sar l-appell prezenti u li taqra hekk:

“Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fit-23 ta’ Gunju 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta’ seba mija disgha u sittin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm769.29c) jew ammont verjuri, li jkun likwidat minn din l-Onorabbli Qorti, occorrendo in-nomina ta’ periti nominandi, liema ammont jirrapprezenta danni

minnu sofferti fil-vettura tieghu tal-marka Mercedes numru tar-registrazzjoni IAG 662 meta ntlaqat mill-vettura ta' warajh tal-marka Morris Marina numru tar-registrazzjoni EAI 818 misjuqa mill-konvenut, liema ncident sehh fid-19 ta' Lulju 1998, u ghal liema ncident jahti unikament il-konvenut.
Ai fini ta' kompetenza is-somma hekk likwidata ma teccedix l-elf lira Maltin.

Bl-ispejjez inkluzi l-ittri legali tas-6 ta' Settembru 1998 u tat-28 ta' Settembru 1998, tal-Mandat ta' Sekwestru u l-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1. Illi l-konvenut u l-kumpanija assikurattrici tieghu kienu diga ammettew ir-responsabbilta' ghall-incident relattiv, izda kienu qieghdin jikkontestaw biss il-quantum tad-danni u ghaldaqstant jekk jirrizulta illi s-somma mitluba mill-attur hija eccessiva, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu sopportati unikament mill-attur.

2. Illi inoltre l-ispejjez tal-mandat imsemmi fl-avviz ghandhom jigu sopportati unikament mill-attur stante illi dan gie ppresentat inutilment u b'mod vessatorju stante illi l-attur ma kellu ebda perikolu illi mhux ser jithallas f'kaz ta' ezitu favorevoli ghalih u di fatti l-attur diga kien infurmat illi l-konvenut kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni u peress illi inoltre, l-istess mandat gie erronjament intavolat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi r-responsabbilta' ta' dan l-incident tad-19 ta' Lulju 1998 mhuwiex kontestat. Dana

jirrizulta kemm mill-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll mix-xhieda tieghu. F'din il-kawza qed jigi kontestat biss il-quantum tad-danni. Dana l-ghaliex il-konvenut kien qieghed jippretendi illi t-tiswijiet u r-replacement parts tal-karozza danneggjata ta' l-attur kellhom ikunu *second hand* u mhux originali.

Jidher illi sar survey mill-kumpanija assikurattrici tal-konvenut u l-karozza ssewwiet il-*Melbourne Garage*. Din it-tiswija saret abbazi ta' din is-survey skond ma xehed l-istess Paul Ciappara l-propretarju ta' dan il-garage, pero' peress illi s-surveyor kien issuggerixxa illi l-parts ikunu imitation, Paul Ciappara deherlu li kellu jinforma lill-attur b'dan is-suggeriment. L-attur irrifjuta u nsista illi r-replacement parts kellhom ikunu originali. Hawnhekk qamet il-kontroversja peress illi l-attur irrifjuta li jaccetta parts illi jkunu imitazzjoni u mhux originali tal-fabbrika. Veru li l-karozza kienet wahda pjuttost qadima, immanifatturata l-1980, pero' skond ma xehdu l-istess attur kif ukoll Paul Ciappara din il-karozza kienet ghadha f'kondizzjoni perfetta u kien ghalhekk illi l-attur insista illi l-parts jigu mibdula b'dawk originali.

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi l-Qorti lesta li tirrikonoxxi li l-karozza kienet wahda pjuttost qadima pero', jidher li kienet f'kundizzjoni tajba hafna u l-parts illi gew danneggjati jidhru illi kienu ghadhom tal-fabbrika. Filwaqt illi l-Qorti lesta wkoll tirrikonoxxi li xi *imitation parts* jistghu ikunu ta' kwalita' daqs l-original, b'dana ma jfissirx illi l-garanzija illi jkun hemm fl-original tkun tghodd l-istess bhal *l-imitation.* F'din il-kawza kien hemm zewg tipi ta' xhieda, dik ta' Paul Ciappara fejn qal illi fl-esperjenza tieghu l-parts *imitation* mhuma qatt tajbin daqs dawk l-original, u minn nahha l-ohra hemm dik ta' Paul Pullicino li qieghed fin-negozju tal-bejgh ta' parts tal-karozza fejn qal li fl-esperjenza tieghu dawn *l-imitation parts* huma tajbin daqs l-original. Jidher pero' li din l-esperjenza bejn dawn iz-zewg xhieda hija pjuttost differenti. Filwaqt li Paul Pullicino ilu b'dan in-negozju tnax-il sena, Paul Ciappara ilu fin-negozju erbghin sena u dana ghamilha cara illi fl-esperjenza

tieghu l-parts *imitation* qatt ma jkunu tajbin daqs dawk ta' l-original u semma diversi cirkostanzi fejn dawn il-parts mhux originali jistghu wara xi zmien jigu *pitted* jew inkella jkollhom jigu mibdula b'dawk originali.

Xehed ukoll f'din il-kawza Michael Sweetman illi jidher illi ghandu esperjenza kbira hafna fil-qasam tat-tiswija tal-karozzi. Dan ukoll jghid li hija *policy* tal-kumpaniji assikurattrici fir-Renju Unit il-karozzi illi jkunu eqdem mill-hames sena, jkunu riparati b'parts illi jkunu *imitation.* Bir-rispett, il-Qorti ma taqbilx ma' tali argument ghax karozza hija antika allura bilfors il-parts iridu jkunu *imitation.* Jekk il-parts li gew miksura kienu originali, l-propretarju ghandu dritt jinsisti illi dawk il-parts jigu mibdula wkoll b'ohrajn originali. Veru illi huwa obbligu tad-danneggjat illi jimminimizza d-danni, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi ghandu jaccetta li jircievi affarijiet illi huma nferjuri minn ta' dawk illi diga kellu. Bhal ma diga nghad ma rrizultax illi dawk il-parts illi gew miksura ma kienux originali quindi, minkejja dawn il-parts kellhom dawn iz-zmien kollu fuqhom il-Qorti jidhrilha illi l-attur kellhu dritt jippretendi illi dawna jigu mibdula b'dawk originali ukoll. Ghal dak li jirrigwarda l-entita tad-danni, jidher illi hemm xi kontroversja dwar il-fanal tal-lemin, peress illi l-konvenut qieghed jghid illi dana ma giex danneggjat. Minn nahha l-ohra, s-survey li gie maghmul mis-socjeta' assikurattrici tal-konvenut ma giex esebit f'dawn l-atti, ghad illi Paul Ciappara qal illi huwa ghamel it-tiswijiet, fuq dan is-survey u bi ftehim mas-surveyor stess. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi dawn it-tiswijiet saru abbazi ta' rakkomandazzjoni ta' l-istess *surveyor* fejn allura jidher li gie danneggjat ukoll il-fanal tan-nahha tal-lemin. Jista jkun illi dak in-nhar illi sar ir-rapport, li kopja tieghu hemm esebit f'dawn l-atti l-hsara ma tkunx daqshekk apparenti. Fil-fatt fl-istess rapport jitnizzel biss dawk il-hsarat illi jkunu qed jidhru dak il-hin li jkun qed isir ir-rapport, pero' bhal ma jigri spiss meta mbaghad tibda taqla u jibdew jsiru t-tiswijiet jirrizultaw hsarat ohra illi forsi ma kienux jidhru dak il-hin ta' l-incident. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi t-talba tal-attur ghar-*replacement part* ukoll tal-fanal tal-lemin tidher wahda gustifikata peress illi dina wkoll giet inkluza fl-istima illi pprepara Paul Pullicino fuq talba ta' l-istess

kumpanija assikurattrici tal-konvenut. Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi l-attur ghandu ragun fl-istanza tieghu u ghandu ragun jitlob illi l-parts illi gew mibdula ikunu dawk originali, ghalhekk it-talba tieghu tisthoqq li tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta’ seba mija disgha u sittin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm769.29c) li jirrapresenta danni minnu sofferti fil-vettura tieghu tal-marka Mercedes numru tar-registrazzjoni IAG 662 meta ntlaqtet mill-vettura ta’ warajh misjuqa mill-konvenut tal-marka Morris Marina numru tar-registrazzjoni EAI 818, liema ncident sehh fid-19 ta’ Lulju 1998, u ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta' l-attur li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li huwa jigi kkundannat ihallas biss il-valur tal-*parts imitation* ai termini ta' l-istima esibita fil-process jew fin-nuqqas illi jigi kkundannat ihallas il-valur tal-*parts second hand* ai termini ta' l-istima esibita fil-process, li ma jigix ikkundannat ihallas tal-fanal tax-xellug stante illi dan ma giex danneggjat b'rizultat tal-kollizjoni relattiva u bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta’ l-appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;
Ikkunsidrat illi:-

F'dan il-kaz il-kwistjoni kollha tirrigwarda l-*quantum* tad-danni peress li l-konvenut appellat kien ammetta r-responsabbilta` ghall-incident awtomobilistiku li kienu nvoluti fih il-partijiet. Fil-fatt dan l-appell huwa wkoll limitat ghall-kwistjoni tad-danni.

L-aggravju tal-konvenut appellant jikkonsisti in sintezi f’dawn is-sottomissjonijiet:

Il-vettura ta' l-attur appellat kienet manifatturata fl-1980. Ghalhekk l-istess attur appellat ma seta' qatt jippretendi li l-*parts* li kien jinhtigilhom jinbidlu kellhom jinbidlu b'*parts* originali izda b'*imitation parts* jew almenu *second hand*. Huwa jirreferi ghax-xhieda minnu prodotti u li tkelmu b'mod partikolari dwar l-*imitation parts* u ccita l-obbligu tad-danneggjat li jimminimizza d-danni in sostenn tat-tezi tieghu. Inoltre sostna li l-ewwel Qorti ma jmissha qatt accettat li takkorda l-ispiza tal-fanal tan-naha tax-xellug ta' wara tal-vettura ta' l-attur appellat stante li l-hsara kienet fuq in-naha tal-lemin ta' wara u dik il-hsara lanqas ma tnizzlet mill-partijiet fir-*Rear-To-Front accident form*.

Ikkunsidrat illi:-

Iz-zewg partijiet jirreferu ghall-principju li d-danneggjat huwa obbligat jimminimizza d-danni u jiccitaw *inter alia* l-kawza fl-ismijiet **Mario Blackman vs Paul Formosa** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (Citaz. Nru. 632/84JSP) fil-5 ta' Ottubru 1994. Certament il-fatti f'dik il-kawza huma differenti minn dawk fil-kaz odjern izda fis-sentenza saret referenza cara ghall-obbligu tad-danneggjat "**illi jillimita kemm jista' jkun id-danni li ghalihom hu responsabbli min ikkagunalu l-hsara**". Inoltre f'dik is-sentenza saret referenza ghall-kaz **The Pacific Concord** (1960) citat f' Bingham's Motor Claims Cases (5th Edition, p.330 et seq.) fejn il-Qrati Inglizi rritenew li fil-kaz ta' likwidazzjoni ta' hsarat f'karrozza: *"The correct basis (is) either the cost of repair plus hire charges or the market value of the damaged car, immediately before the accident, plus hire charges, until replaced less its scrap value"*. L-ewwel alternattiva giet imfissra f'dik is-sentenza bhala li karrozza ghandha "**tigi ripristinata fil-kundizzjoni li kienet fil-mument tal-incident**". U hawn hu l-qofol kollu ta' l-appell odjern.

Il-konvenut appellant jippretendi li galadarba l-karrozza ta' l-attur appellat kienet mudell ta' l-1980 u huwa ma kienx l-ewwel sid taghha peress li, kif xehed l-istess attur

appellat, skond ma jirrizulta mil-*log-book* ta' din il-karrozza hija bidlet l-idejn tliet darbiet, ma jistax l-attur appellat jistenna li l-*parts* danneggjati kellhom jinbidlu b'*parts* originali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-argument ma jreggix.

Huwa minnu li l-karrozza ta' l-attur appellat, li hija tal-marka Mercedes, hija ta' certa eta`, izda ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li hija karrozza mizmuma fi stat impekkabbli (ara ritratti esebiti b'nota tal-15 ta' Gunju 2001). Il-konvenut appellant ma ressaq l-ebda prova li b'xi mod tindika li l-*parts* id-danneggjati ma kinux originali. Ix-xiehda ta' Paul Pullicino dwar *imitation parts* tikkontrasta ma' dik ta' Paul Ciappara li esprima r-rizervi tieghu dwar l-*imitation parts*. U anke Michael Sweetman stqarr li hemm diversi tipi ta' *imitation parts* meta qal li hemm kumpaniji li jipproducu *"excellent imitations"* u ohrajn li huma orhos u *"not so close to the original"*. Bil-fatt li l-attur appellat uza *parts* originali, huwa m'ghamel xejn hlief uzufruwixxa ruhu mid-dritt li jirripristina, naturalment kemm kien possibbli, il-karrozza fl-istat li kienet qabel l-incident. B'dan ma jfissirx li m'ghamel xejn biex jillimita d-danni. Difatti li kieku uza *imitation parts*, x'garanzija kien se jkollu li dawn kienu se jkunu ta' l-aqwa kwalita` li ma jinhtigux li jergghu jinbidlu? X'seta' kien ifisser f'termini ta' deprezzament li kieku uza *imitation parts*? Skond l-istima li hejja Paul Pullicino (a fol. 36) kien hemm biss it-*tail lamps* u r-*rear bumper* disponibbli bhala *second hand*. X'garanzija kien hemm li dawn kienu ta' l-istess kwalita` tal-*parts* id-danneggjati? Forsi sinifikanti li hadd mix-xhieda tal-konvenut appellant ma jghid xejn dwarhom.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni tajba tal-provi mressqa u kkonkludiet tajjeb li l-attur appellat kellu dritt li l-*parts* id-danneggjati jinbidlu b'*parts* originali.

Il-kwistjoni l-ohra tirrigwarda l-fanal ta' wara tax-xellug - dak li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, ovvjament b'*lapsus calami*, tirreferi ghalih bhala tal-lemin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tiddisturba l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Huwa veru li meta xehed l-attur appellat

quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000 u wera l-imsemmi fanal, dik il-Qorti vverbalizzat li "kkonstatat illi madwar din it-toqba hemm trab illi kien jindika illi din il-hsara kienet ilha hemm xi zmien". Izda mill-banda l-ohra ma jistax jigi injorat il-fatt li, ghalkemm ma gietx esebita kopja tas-*survey report* maghmul mis-*surveyor* tas-socjeta` assikuratrici ta' l-appellant, Paul Ciappara xehed li hadem skond is-*survey* li kien sar, u fl-istima maghmula minn Paul Pullicino nghatat l-istima tal-fanal tax-xellug ukoll. Dan kollu jindika li s-*surveyor* tas-socjeta` assikuratrici msemmija kien accetta li l-hsara fil-fanal tax-xellug ta' wara kienet ukoll rizultat ta' l-istess incident.
Ghal dawn il-motivi:-
Tiddeciedi billi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------